MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 335/2005

**Avviz numru 335/05DM**

**Jason Karl Muscat ( ID 160570 M)**

**Vs**

**Anabelle Muscat ( ID 537071 M) u Sandro Schembri Adami ( ID 48863 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti jew min minnhom jirrifondu u jhalsu lura lill-attur is-somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3, 000) rapprezentanti depozitu fornit mill-attur lill-konvenuta Anabelle Muscat f'idejn il-konvenut Nutar Sandro Schembri Adami (kopja tac-cheque anness mall-avviz u mmarkat bhala Dok A) fuq konvenju datat seba' (7) ta' Ottubru 2004 (anness mall-avviz u mmarkat bhala Dok B) li skada fis-seba' (7) t'April 2005 wara li l-istess konvenju

ma setghax jigi attwat peress li ma kienx inghata lill-attur self mill-bank, liema self kien wiehed mill-kundizzjonijiet pattwiti biex seta' jsehh l-att finali tal-kompravendita u l-istess somma hija ghalhekk dovuta lura lill-attur mill-konvenut jew min minnhom.
Bl-ispejjez u l-imghax inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-sebgha (7) ta' April 2005 (annessa mall-avviz u mmarkata bhala Dok C) kontra l-konvenuti li gew ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Annabelle Muscat fejn eccipiet illi:
1. Kif gie dikjarat mill-attur fl-Avviz stess, is-somma ta' Lm3,000 giet imhollija f'idejn in-Nutar bhala depozitu meta gie ffirmat il-konvenju. Din is-somma qatt ma giet f'idejn l-eccipjenti. Ghalhekk, hija mhix f'posizzjoni li tirrifondi l-istess ammont lill-attur ;
2. L-eccipjenti m'ghandhiex tbati ebda spejjez in kwantu din il-kawza kellha ssir ghaliex il-konvenut l-iehor ma rritornax il-flus lill-attur, lanqas meta gie interpellat b'ittra ufficjali ;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenut Nutar Dr. Sandro Schembri Adami debitament notifikat ma kkontestax it-talba attrici, lanqas ma deher biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni meta kien debitament ingunt ghaldaqshekk mill-attur u ghaldaqstant it-talbiet ta' l-attur huma mistqarra minnu u jimmeritaw li jigu kkonfermati fil-konfront tieghu.

Jibqa' biss li jigi kkunsidrat x'responsabbilita' ghandha l-konvenuta l-ohra Anabelle Muscat.

M’hemmx kwistjoni bejn il-kontendenti fuq il-fatti illi taw lok ghal dawn il-proceduri, infatti jirrizulta ampjament illi fuq konvenju tas-7 ta’ Ottubru, 2004, permezz ta’ liema l-konvenuta Anabelle Muscat kienet obbligat ruhha li titrasferixxi proprjeta’ immobli lill-attur, l-istess attur skond it-terminu ta’ l-istess konvenju kien ghamel depozitu akkont tal-prezz fis-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) u bi ftehim mal-parti l-ohra dan id-depozitu kien gie mhallas direttament lin-Nutar Sandro Schembri Adami bl-intendiment evidenti illi jekk il-kuntratt finali ma jsehhx minhabba li l-bank ma jaghtix self lill-attur, in-Nutar kellu jirrifondi din is-somma lill-istess attur jew lill-konvenuta venditrici jekk il-bejgh effettivament isir.

Billi l-professjoni ta’ nutar ma timplikax illi dan jista’ jigi tenut prokuratur jew agent rapprezentant ta’ xi wahda jew wiehed mill-partijiet illi jkunu qed jidhru fuq xi att li jkun qieghed jirredigi anke jekk l-inkarigu jkun inghata lin-nutar ghall-publikazzjoni ta’ l-att minn wiehed mill-partijiet, in-nutar jibqa’ dejjem persuna ndipendenti mill-partijiet li jkunu qed jidhru quddiemu u s-servizzi tieghu jkunu qeghdin jinghataw bilfors fl-interess ta’ kull parti illi tkun qed tippartecipa f’dak l-att illi jkun ser jigi ppubblikat.

Ghaldaqstant, f’dan il-kaz, billi jirrizulta ampjament illi l-konvenuta Anabelle Muscat qatt ma rcevit xi somma flus minghand l-attur u illi jirrizulta ampjament anke mill-kopja tac-*cheque* esebit mill-istess attur a fol. 2 tal-process, illi s-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3000) giet imhallsa direttament minnu lin-Nutar Sandro Schembri Adami u l-konvenut l-iehor, jirrizulta illi r-relazzjonijiet ta’ l-attur dwar dan id-depozitu huma esklussivament man-Nutar Dr. Sandro Schembri Adami minhabba l-fatt illi l-kuntratt finali ma sehhx. Fil-kaz li l-kuntratt finali kellhu jigi ppublikat ghal din is-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3000) u ghall-hlas taghha r-relazzjonijiet guridici kienu jkunu esklussivament bejn il-konvenuta Anabelle Muscat u l-istess Nutar.

Ghaldaqstant, billi l-obbligu tar-rifuzjoni ta’ dan id-depozitu kif mifthiem bejn il-partjiet kien eskulussivament tan-Nutar konvenut Dr. Sandro Schembri Adami u billi d-dritt tar-

rifuzjoni, stante li l-kuntratt ma giex ippublikat, jispetta lill-attur Jason Karl Muscat, jirrizulta ghalhekk illi l-attur sewwa dderiga l-azzjoni tieghu fil-konfront ta' l-istess Nutar. Izda fil-konfront tal-konvenuta l-ohra Anabelle Muscat huwa m'ghandux dritt ta' azzjoni u konsegwentement tirrespingi t-talba tieghu fil-konfront ta' din il-konvenuta.

Ghaldaqstant, tilqa' it-talba attrici fil-konfront biss tan-Nutar Dr. Sandro Schembri Adami u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz qieghda tikkundanna lill-istess Nutar sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000), bl-imghax legali b'effett mis-7 ta' April, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Nutar Dr. Sandro Schembri Adami hlief dawk tal-konveuta Anabelle Muscat, liema spejjez ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------